Qorti tal-Appell
(Komptenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 10/2015AE

**Thomas Mizzi**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

It-Tnejn, 7 ta' Dicembru 2015.

L-intimat, illum appellant, appella minn decizjoni tal-Arbitru taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali tat-12 ta' Frar 2015 li rrevokat decizjoni tad-Direttur li biha gie ordnat il-waqfien tal-ghoti tal-pensjoni tal-eta' ghaliex skond id-Direttur r-rizorsi kapitali tal-appellat kienu jeccedu l-massimu stabbilit mit-Test tal-Mezzi kif provdut fit-Tieni Skeda tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318).

L-intimat appella u l-aggravju hu li mill-provi kien irrizulta li fi tliet kontijiet bankarji ntestati f'isem ir-rikorrent li kellu mal-Bank of Valletta plc, kien hemm is-somma ta' €16,416.04. Ghalhekk qabez it-*treshold* ta' €14,000 kontemplata fl-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318). Skond l-Artikolu 97(1)(b) tal-Kap. 318 l-appellat kellu l-obbligu li jgharraf lid-Dipartiment b'kull tibdil fic-cirkostanzi ta' hajtu. Obbligu li jirrizulta wkoll mill-applikazzjoni li ffirma u li biha talab ghall-hlas tal-pensjoni. Skond id-Direttur ladarba l-appellat kellu dak il-kapital fil-kontijiet bankarji, ma kienx iktar intitolat li jircievi l-pensjoni. L-oneru tal-prova qieghed fuq l-appellat, li ghandu jipprova li hu eligibbli ghall-beneficcju (ara **Carmelo Pullicino vs Direttur tas-Sigurta Socjali** deciza fit-12 ta' Mejju 2003 minn din il-qorti).

L-appellat ipprezenta twegiba (8 ta' April 2015) fejn ta r-ragunijiet tieghu ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:-

1. L-appellat kien jircievi l-pensjoni tal-eta (mhux kontributorja). Pensjoni li twaqqfet fuq decizjoni tad-Direttur tas-6 ta' Jannar 2014, wara li rrizulta li kellu kapital fl-ammont ta' €16,416.04. Ammont li jeccedi dak li tikkontempla l-ligi bhala l-kapital massimu li jista' jkollu beneficjarju li qieghed jircievi pensjoni tal-eta (mhux kontributorja).

2. Mid-decizjoni tal-Arbitru hu evidenti li kien sodisfatt li mill-provi li ressaq l-appellat, mhux il-flus kollha kienu jappartjenu lilu. Fid-decizjoni jinghad hekk:

*"Illi x-xhud Rita Borg (ID 453466M) xehedet li ghandha tifel Carlos Borg u li kienet taghti l-flus lil huha Thomas Mizzi sabiex igemmahomla halli mbaghad tkun tista' tixtri karozza lit-tifel taghha. Ix-xhud spjegat li l-appellant ta l-flus lura.*

*Illi x-xhud Borg wara li promettiet li f'seduta ohra kienet ser tipprovdi rendikont b'ircevuti biex tissustanzja dak li kienet ghadha kif xehdet.*

*Illi l-Arbitru kellu c-cans jifli d-dokumenti tal-bank li gew prezentati waqt is-seduta u mhux se jaddotta r-rigur tas-summum jus u l-inflessibilita' ta' disposizzjoni partikolari tal-ligi fejn ic-cirkostanzi prezenti lilu jkunu, entro l-ligi, jissuggerixxu l-adozzjoni ta' soluzzjoni diversa u anqas rigida – Mandy Delia vs Direttur tas-Sigurta Socjali, Appell, 7 ta' Frar 2012.*

*Illi l-Abritru ra l-komportament kemm tal-appellant kif ukoll ta' ohtu meta xehedu u m'ghandux ghax jiddubita mill-verzjoni li taw. Illi l-Arbitru bic-cirkostanzi li rrizultawlu talab lid-Dipartiment jirrevedi l-kaz izda baqghu bil-gudizzju assolutista tieghu.*

*Illi d-Direttur kellu jkun l-ewwel arbitru li japprezza dik il-prova u jiddeciedi dwarha il-posizzjoni korretta allura kienet illi jekk l-applikant effettivament jipproduci dik il-prova rikjesta sal-grad li kellha ragonevolment tikkonvinci lil min kellu jiddeciedi, d-Direttur ma kellu l-ebda diskrezzjoni li jichad it-talba".*

3. Fir-rikors tal-appell m'hemmx riferenza ghall-provi li nstemghu quddiem l-Arbitru hlief ghas-somma ta' €16,416.04 depozitata f'kontijiet bankarji ntestati f'isem l-appellat. Ir-ragunament tad-Direttur jidher li kien li r-rendikonti bankarji huma prova certa li l-flus huma kollha tal-appellat. Pero' dawn ir-rendikonti huma biss prova bhal provi ohra. Biex jigi determinat x'mezzi ghandha persuna li tapplika ghall-pensjoni, il-ligi tikkontempla li titqies kull proprjeta li ghandha dik il-persuna (ara Taqsima IV tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318). 'Il fatt li l-appellat kellu €16,416.04 f'kontijiet bankarji hi biss prova li bhal provi ohra tista' tigi ribattuta. Il-ligi ma tohloqx presunzjoni. Ovvjament ladarba hemm prova bhal dik l-appellat kellu l-obbligu li jressaq provi li li l-kapital li kien proprjeta tieghu, u li kienu depozitati fil-kontijiet bankarji li kellu mal-Bank of Valletta plc, ma kienx jeccedi s-somma ta' €14,000. Prova li f'dan il-kaz jidher li saret tant li l-Arbitru kien sodisfatt li mill-provi li nstemghu l-verzjoni tal-appellat kellha mis-sewwa. L-Arbitru kellu kull dritt li jasal ghal dik il-konkluzjoni. Fl-appell id-Direttur ma ressaq l-ebda raguni li tista' tiggustifika li qorti ta' revizjoni twarrab l-apprezzament tal-provi li ghamel l-Arbitru.

**Ghaldaqstant tichad l-appell bl-ispejjez kontra d-Direttur**.

Anthony Ellul.